# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 294/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Anna (Anna Maria Lourdes) Portelli**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Anna (Anna Maria Lourdes) Portelli**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 450268(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-26 ta' Lulju 2016 matul diversi ħinijiet tal-imsemmija ġurnata fir-residenza tagħha 2, Dar id-Delfin, Triq ir-Raheb, Tarxien:

1. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamlet użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. tat fastidju lil Paul Joseph Portelli u b'mod li kienet taf jew missha kienet taf li dan kien ta' fastidju għal Paul Joseph Portelli u dan bi ksur ta' Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. bil-ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieh ta' Paul Joseph Portelli weġġatu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur ta' Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Ġunju 2017, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-appellanti ħatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberatha minnhom, wara li rat Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannata multa ta' ħamsin Euro (€50.00).

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-30 ta' Ġunju 2017 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata u ċioè dik tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' 23 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet* ***Pul. (Chantelle Casha) vs. Anna Portelli*** *billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet il-ħtija fit-tielet akkuża u erogat piena, u tikkonfermaha fil-bqija u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu ma' dak li ġie verbalizzat fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Jannar 2020.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti tressaq is-segwenti aggravji:

- l-imputazzjonijiet huma prosegwibbli unikament fuq il-kwerela tal-parti offiża u li din il-kwerela ma ġietx eżebita fl-atti proċesswali;

- l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ċaħdet it-talba sabiex jinstemgħu bħala xhieda ulied l-appellanti ta' sittax (16)-il sena u ħmistax (15)-il sena u li d-diskrezzjoni tal-Qorti hija regolata minn Artikolu 633(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- l-Ewwel Qorti nterpetat b'mod żbaljat il-fatti u dak li ntqal.

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjoment ikun opportun li ssir riferenza għal dak li ġie verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020 quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn il-konsulent legali tal-appellanti rreleva li l-imputazzjoni li kienet rinfaċċjata biha l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti kienet waħda taħt Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li dan ġie kanċellat mill-Kapitolu msemmi u li l-proċeduri fil-konfront tagħha għandhom jiġu dikjarati eżawriti.

Illi din il-Qorti rat li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellanti mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet u sabitha ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni. Din it-tielet imputazzjoni kienet taqa' taħt Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li dan l-artikolu ġie mħassar mil-leġislatur permezz ta' Att XI tas-sena 2018.

Illi skont id-duttrina dwar l-effett taż-żmien fuq reat, il-ħati għandu jibbenefika minn liġi aktar mita jekk il-kastig jitnaqqas bejn meta wettaq ir-reat u meta tingħata s-sentenza. F'dan il-każ il-piena mhux biss tnaqqset talli spiċċa wkoll ir-reat.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li kiteb il-Profs. Sir A. Mamo fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Criminal Law – First Year) fejn ingħad hekk (*a fol.* 32):

> "The principle accepted in continental doctrine and practice which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings shall fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced.
>
> [...M]odern writers [...] contend that the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that, rather than an exception to the rule of non-retroactivity with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the ground that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (*divieto di ultra-attivita'*) that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence."

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza mogħtija minnha fis-26 ta' April 2019 fl-ismijiet **The Police vs. Helen Katrina Milligan** (Numru 512/2017):

> "The charge under consideration is not as yet *res judicata* and effect of the repeal of Article 252(1) of the Criminal

> Code must be applied to this charge to the benefit of appellant. In other words, the alleged action of which appellant stands accused no longer gives rise to a criminal offence [...]."

Illi b'hekk isegwi li din il-Qorti ser tilqa' l-appell tal-appellanti minħabba t-tħassir ta' Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma hemmx bżonn li l-Qorti tikkunsidra l-aggravji mresssqa mill-appellanti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti u tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet liberata mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti nstabet ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni u fejn ġiet ikkundannatha multa ta' ħamsin Euro (€50.00) u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni dedotta kontra tagħha u b'hekk tilliberaha minn kull ħtija u piena.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**